MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 41/2004

**Caruana & Cini Company Limited**

**vs**

**Brian Psaila**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi s-socjeta’ attrici topera hardware store fi Triq il-Kapuccini, Victoria, Ghawdex.

Illi l-konvenut xtara minghand is-socjeta’ attrici diversi oggetti li ghalihom ghadu dovut bilanc ta’ erba’ mija u tmienja u disghin lira Maltija u tlett centezmi (Lm498.03).

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi u minkejja diversi promessi ta’ hlas, il-konvenut baqa’ ma ghamel ebda pagament.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici qed titlob bil-qima li l-konvenut ikun ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont imsemmi flimkien ma' l-imghax b'effett mill-5 ta' April 2004 sad-data tal-hlas relattiv flimkien ma' l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u tal-ittra interpellatorja datata 3 ta' Marzu 2004 u tal-ittra ufficjali spedita f'April 2004."

Ra l-verbal a fol 10 tas-seduta tat-23 ta' Gunju 2004 li fiha l-ammont pretiz gie ridott ghas-somma ta' LM146 stante pagament akkont fil-mori tas-smigh tal-kawza;

Ra l-kapitoli ipprezentati mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2003.

Ikkunsidra:

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta msemmija li fiha gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas ghal dik tal-lum, minghajr ma gab ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM146 bilanc tal- prezz ta' diversi oggetti lilu mibjugha u kkunsinati mis-socjeta' attrici bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali t'April 2004 bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' Marzu 2004 u tal-imsemmija ittra ufficjali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------